TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Crossey Micallef

vs

Home Style

CCTG/13/16 MS

19 ta' Mejju2017

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti prezentat fil-21 ta' Ottubru 2016 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' elf Euro (€1,000) depozitu mhallas fuq xiri u installazzjoni ta' kamra tas-sodda, li giet ikkonsenjata, pero' mhux a sodisfazzjon tal-attrici.

Ra illi l-azjenda intimata debitament notifikata, ma dahlet ebda risposta ghat-talba tar-rikorrenti u ghalhekk ghandu jitqies bhala kontumaci.

Sema x-xhieda tar-rikorrenti.

Ra l-atti u d-dokumenti tal-kawza.

Ikkunsidra.

Skond ir-rikorrenti, dina avvicinat lill-azjenda konvenuta wara li rat reklam 'package' fuq Facebook. Dan ir-riklam kien jikkonsisti f'kamra tas-sodda (tip Venus) b'zewg xkaffi interni extra, bibien bil-hgieg, bil-konsenja u installazzjoni ghall-prezz ta' €2,613 li minnhom hallset depozitu ta' €1,000 fis-26 ta' April 2016. Ir-rikorrenti spiccat ma haditx l-offerta kif kienet reklamata u minflok ghazlet affarijiet ohra. Sadattant l-azjenda intimata kellha l-isfortuna li nharqet il-fabbrika u ghalhekk ir-rikorrenti tat cans sabiex l-azjenda intimata tkun tista' tirranga ma' terzi u tipprovdi l-ghamara mifthiema. Wahda mill-kundizzjonijiet kienet illi l-gwardarobba tal-bedroom Venus reditha b'erba bibien u mhux sitta (kif kienet originarjament) pero' meta' dina giet konsenjata kellha sitt bibien u ghalhekk ir-rikorrenti ma accettathiex. Minkejja li r-rapprezentant tal-azjenda intimata qallha li ser jirranga, fl-ahhar mill-ahhar, beda jinsisti li l-offerta kienet biss ghal gwardarobba b'sitt bibien u mhux b'erbgha. Ghadda z-zmien, il-partijiet baqghu ma ftehmux, u l-intimata baqa' fil-pussesss tal-elf Euro depozitu imhallsa originarjament.

Illi fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2017, l-avukat tal-azjenda intimata ippropona transazzjoni fis-sens li l-azjenda tirrifondi lir-rikorrenti is-somma ta' disa' mitt Euro (€900.00). Il-mitt Euro l-ohra kienu

ser jinzammu biex jaghmlu tajjeb ghall-ispejjes tat-tragitt u haddiema involuti f'tentattiv tal-konsenja tal-kamra tas-sodda. Ir-rikorrenti, pero, ma accettatx din il-proposta ghaliex qalet li l-izball kienet tal-intimat.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal ihoss illi seta' kien hemm xi nuqqas ta' kommunikazzjoni u mizinformazzjoni bejn il-partijiet . Zgur li l-offerta' originali kienet ta' gwardarobba b'sitt bibien (ara SMS 30 ta' Marzu 2016 migbhut mill-intimat kif ukoll l-Order form numru 54787 tas-26 ta' April 2016). L-attrici tghid illi l-intimat accetta li ghamilha b'erbgha, imma dan bl-ebda mod ma rrizulta hlief mix-xhieda taghha u minn SMS li baghtet hi stess. Il-fatt jibqa' li meta l-gwardarobba giet ikkunsinjata dina kienet b'sitt bibien kif originarjament reklamat. Il-fatt li l-intimat kellu incident fil-fabbrika ma ghinx is-sitwazzjoni, izda minn dan l-attrici zgur ma tistax tipprofitta ruhha. Tajjeb jew hazin, l-intimat ikkonsenja gwardarobba, kif kien hu stess irriklama u kif kienet fuq l-order form. Biex ghamel dan, it-Tribunal jifhem li l-intimat irrikorra diversi spejjes li hu stess ikwantifika fis-somma ta' €100.00.

It-Tribunal jidhirlu illi din is-somma hija ragonevoli u tisthoqq illi tkun imnaqqsa mit-talba tar-rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti fis-somma ta' disa' mitt Euro (€900.00) u jikundanna lill-azjenda intimata illi thallas lill-attrici din is-somma indikata ghar-ragunijiet fuq imsemmija. Bl-ispejjes kontra l-azjenda intimata

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbiter**